MALTA

# QORTI TAL-MAGISTRATI (MALTA)
# BHALA QORTI TA' GUDIKATURA KRIMINALI

**MAGISTRAT DR.**
**ABIGAIL LOFARO**

Seduta tas-27 ta' Marzu, 2003

Numru. 1049/2002

Il-Pulizija
(Spettur Stephen Mallia)
vs
Carmelo Vella

Il-Qorti;

Rat l-imputazzjonijiet migjuba kontra l-imputat fuq imsemmi Carmelo Vella, iben il-mejjet Emmanuel u Pawla nee' Galea, detentur tal-karta tal-identita bin-numru 712451(M), li permezz taghhom huwa gie akkuzat talli fil-21 ta' Lulju, 2002 u fix-xhur ta' qabel, f'dawn il-Gzejjer, sabiex jikseb xi vantagg jew beneficcju ghalih innifsu, jew ghal haddiehor, f'xi dokument mahsub ghal xi awtorita pubblika, xjentement ghamel dikjarazzjoni jew stqarrija falza, jew ta taghrif billi iffalsifika in-numru tal-marka tal-vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni EAA 131, ai termini tal-Artikolu 188 tal-Kap. 9 tal-Ligijiet ta' Malta;

Ukoll talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi, ghamel falsifikazzjoni jew xjentement ghamel uzu minn xi dokument iehor falsifikat billi hassar in-numru tas-serje tal-makna tal-vettura Leyland bin-numru tar-registrazzjoni EAA 131 bi ksur tal-Artikolu 189 tal-Kodici Kriminali;

Talli fl-istess lok, hin u cirkustanzi, minghajr l-approvazzjoni miktuba bil-quddiem tal-Kummissarju tal-Pulizija ghamel, ordna, jew gieghel l-eghmil ta' xi tibdil fin-numru tal-makna tal-vettura tal-marka Leyland bin-numru tar-registrazzjoni EAA 131, u dan ai termini tal-Artikoli 91 tar-Regolamenti tal-1994 Dwar il-Vetturi bil-Mutur (A.L. 128/1994);

Rat il-kunsens tal-Avukat Generali sabiex dan il-kaz jigi trattat bi procedura sommarja u semghet lill-imputat fuq imsemmi iwiegeb li ma kellux oggezzjoni illi l-kaz tieghu jigi trattat bi procedura sommarja;

Semghet lill-imputat debitament assistit volontarjament jirregistra ammissjoni ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu u dana waqt is-seduta tat-12 ta' Mejju, 2003 waqt li kienu qeghdin isirulu l-mistoqsijiet skond l-Artikoli 370(4), 390(1) u 392 tal-Kodici Kriminali;

Taqta u tiddeciedi billi fuq ammissjoni volontarja tal-imputat fuq imsemmi ghall-imputazzjonijiet kollha migjuba kontra tieghu l-Qorti qeghda issib lill-imputat hati ta' dawn l-imputazzjonijiet kollha u dana wara illi l-Qorti rat l-Artikoli 188 u 189 tal-Kodici Kriminali u l-Artikolu 91 tar-Regolamenti tal-1994 dwar il-vetturi tal-mutur, Avviz Legali 128 tal-1994.

Semghet lix-xhieda li gew prodotti;

Rat il-provi li tressqu, li gew esebiti u l-atti ta' dan il-procediment;

Semghet it-trattazzjoni tal-Prosekuzzjoni u tad-difiza dwar il-piena;

Ikkunsidrat :

Il-Qorti ikkunsidrat ghall-fini ta' piena x-xhieda illi ta' l-Ispettur Stephen Mallia fis-sens illi meta kien interroga lill-imputat dana mal-ewwel kien ammetta u kien ikkoppera mieghu matul l-investigazzjoni, kien ukoll irrilaxxalu stqarrija fejn kien ammetta kollox. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll mill-istess xhieda tal-Ufficjal Prosekutur il-fatt illi l-magna tat-trukk in kwistjoni ma ghadhiex fil-pussess tal-imputat, izda tinsab fil-pussess tal-pulizija, kif ukoll il-fatt illi l-magna giet mibdula u l-parti imbaghbsa kif diga intqal, giet ritornata lill-pulizija bil-kooperazzjoni tal-imputat u ghalhekk illum il-gurnata l-vettura tista' tigi registrata. L-Ufficjal Prosekutur xehed ukoll fis-sens illi huwa kien ser jinforma lid-Dipartiment tal-Licenzji illi dan id-Dipartiment jista johrog il-licenzja relattiva. Il-Qorti ikkunsidrat ukoll ghall-fini ta' piena l-fatt illi l-imputat irregistra mal-ewwel ammissjoni f'dawn il-proceduri, kif ukoll il-fatt illi l-imputat ghandu fedina penali relattivament netta.

Ghaldaqstant u ghar-ragunijiet kollha fuq imsemmija l-Qorti wara li rat ukoll l-Artikolu 22 tal-Kap. 446 filwaqt illi tillibera lill-imputat tobbligah illi ma jaghmilx reat iehor fi zmien sentejn mil-lum.

Il-Qorti tiddikjara ghal kull buon fini illi hija spjegat lill-hati bir-responsabbilta tieghu jekk huwa jikkommetti reat iehor matul dan il-perjodu ta' liberazzjoni taht kondizzjoni.

--------------------------------TMIEM--------------------------------